MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 462/1992/1

**Pacifiko Bezzina**

**v.**

**Victor Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li pprezenta l-attur fit-28 ta’ April 1992, u li taqra hekk:-
“Peress illi l-attur gie kommissjonat mill-konvenut biex jikkostruwixxi villa gebel u saqaf fuq plot numru 7 fi triq bla isem fl-Iklin skont ftehim ta' appalt datat 30 ta' Mejju 1990;

“U peress illi f'Mejju 1991 il-konvenut qabad u unilateralment ittermina l-appalt ghax allega li kien qeghed isir xoghol difettuz;

“U peress illi l-istanti ghad baqaghlu jircievi ammont bilancjali ghall-ezekuzzjoni tax-xoghol lilu appaltat, u inoltre ghandu dritt ghar-rizerciment ghad-danni minhabba x-xoljiment 'ad nutum' da parte tal-konvenut;

“Jghid ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“(1) tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut ittermina unilateralment l-appalt fuq imsemmi kommissjonat minnu lill-attur;

“(2) tillikwida, okkorrendo bl-operat ta' perit nominand l-ammont bilancjali ghall-appalt esegwit mill-istanti sad-data tat-terminazzjoni tal-appalt;

“(3) tillikwida, ukoll permezz ta' perit nominand, l-ammont dovut lill-attur in linea ta' danni ghax-xoljiment 'ad nutum' da parte tal-konvenut;

“(4) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont bilancjali dovut fuq l-appalt u l-ammont l-iehor likwidat in linea ta' danni ghax-xoljiment 'ad nutum' kif fuq inghad.

“Bl-imghaxijiet, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali tad-9 ta' Settembru 1989, u tal-24 ta' Jannar 1992, u tal-ittri legali tat-3 ta' Gunju, 1991, 8 ta' Lulju 1991, 19 ta' Awissu 1991, u tal-24 ta' Marzu 1992, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li permezz taghha il-konvenut eccepixxa:-
“1. Illi l-eccepjent waqqaf lill-attur mix-xoghol ghal ragunijiet validi fil-fatt u fil-ligi.

“2. Illi konsegwentement it-talbiet tal-attur ghal-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas ta' ammont bhala

danni minhabba dan il-waqfien mix-xoghol, ghandhom jigu michuda.

“3. Illi fil-likwidazzjoni ta' kull bilanc li jista' jkun dovut lill-attur il-Qorti ghandha timxi fuq il-prezzijiet stabbiliti b'ligi u ghandha zzomm in konsiderazzjoni kwalunkwe spejjez inkorsi jew li ghad iridu jsiru mill-eccepjent biex jigi rimedjat ix-xoghol difettuz jew hazin li sar mill-attur.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tal-18 ta’ Jannar 1993 li permezz taghha gie nominat il-kompjant AIC Frederick Doublet bhala perit tekniku u dak tal-4 ta’ Gunju 1998 li permez tieghu gie nominat biex jassistih l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg;

Rat ir-rapport tal-imsemmija periti gudizzjarji mahluf minnhom fis-seduta tas-7 ta’ Marzu 2007 u r-risposti taghhom in eskussjoni;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-15 ta’ Ottubru 2009 li permezz taghha l-Qorti fil-waqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut hlief ghat-tieni parti tat-tielet eccezzjoni fir-rigward ta’ spejjez inkorsi mill-konvenut biex jigi rimedjat xoghol difettuz jew hazin li sar mill-attur, laqghet it-talbiet attrici kollha u kkundannat lill-konvenut ihallas is-somma komplessiva ta’ €34,428.35c oltre imghaxijiet min-notifika tac-citazzjoni ossija mis-7 ta’ Mejju 1992;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:-
“Illi l-periti gudizzjarji waslu ghall-imsemmija konkluzjoni.

“Illi, wara li tqiesu l-fatturi kollha l-esponenti huma tal-opinjini illi

“(i) l-valur tax-xoghol maghmul mill-attur hu tletax il-elf disgha mija u tmenin lira Maltin u disa centezmi (Lm13,980.09), ekwivalenti ghal tnejn u tletin elf hames

mija erbgha u sittin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€32,564.84)

"(ii) Telf ta' profitti huwa elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800.00)_ekwivalenti ghal erba telef mija tnejn u disghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€4,192.87). Is-subtotal huwa hmistax il-elf seba mija u tmenin lira Maltin u disa centezmi (Lm15,780.09), ekwivalenti ghal sitta u tletin elf seba mija sebgha u hamsin ewro u tnejn u sebghin centezmi (€36,757.72)

"(iii) Tnaqqis ghal difetti hu elf lira Maltin (Lm 1,000.00), ekwivalenti ghal elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

"Ghalhekk l-ammont dovut lill-attur huwa ta' erbatax il-elf sebgha mija tmenin lira Maltin u disa centezmi (Lm14,780.09), ekwivalenti ghal erbgha u tletin elf erbgha mija tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€34,428.34).

"Minn dan l-ammont ghandhom jitnaqqsu l-pagamenti akkont li ghamel il-konvenut lill-attur."

"Illi fil-kaz de quo il-Qorti rat illi il-periti gudizzjarji ezaminaw sewwa u bir-reqqa ir-raguni ghat-terminazzjoni tal-appalt. Huma ezaminaw il-verzjonijiet konfligenti tal-partijiet, l-esperjenzi inkwetanti li ghadda minnhom il-konvenut, izda ikkonstataw illi kien jidher car illi fil-mument tat-terminazzjoni tal-kuntratt l-imsemmija aggravji imressqa mill-konvenut fid-dikjarazzjoni tieghu annessa man-nota tal-eccezzjonijiet jew kienu diga sabu soluzzjoni jew inkella setghu facilment jigu solvuti bl-applikazzjoni ta' dak li l-istess partijiet kienu stipulaw fil-ftehim originali, u ghalhekk ikkonkludew li fil-mument meta l-partijiet marru ghand il-Perit Giordmaina Medici biex dan tal-ahhar jidhol ghall-inkarigu minflok il-Perit Debattista li mieghu l-attur kellu konflitt, anke konflitt fil-personalita, jirrizulta li l-partijiet kienu diga ssuperaw kull ostakolu. Il-Perit Debattista kien diga irrinunzja ghall-inkarigu u l-attur kien ga intrabat bid-data tal-finalizzazzjoni tax-xogholijiet. Fir-rigward tal-kwalita tal-gebla, ma kienx ghad fadal

kwistjonijiet u d-difetti li kien hemm fix-xogholijiet diga esegwiti, jew kienu jaqghu fil-limiti tat-tolleranza accettabbli, konsidrat ukoll il-prezz miftiehem ghax-xogholijiet, jew inkella setghu jigu irrangati a spejjez tal-kuntrattur, kif kien stipulat fil-ftehim originali.

"Ghalhekk fil-mument illi l-partijiet marru ghand il-Perit Giordmaina Medici l-aggravji kollha tal-konvenut kienu diga solvuti.

"Illi l-periti gudizzjari ghalhekk ikkonkludew illi kienet proprju id-differenza li nqalghet waqt il-laqgha mal-Perit Giordmaina Medici illi wasslet ghat-terminazzjoni tal-appalt.

"Illi l-periti gudizzjarji emmnu lill-attur fis-sens illi l-inkwiet inqala ghaliex il-konvenut ried jaghmel ftehim gdid u l-attur irrifjuta, billi hu ried jimxi fuq il-ftehim originali, kif kien diga gie emendat quddiem il-Perit Debattista. Huma spjegaw fid-dettal ghaliex emmnu lill-attur u l-ispjegazzjoni tal-periti gudizzjarji tinsab esposta a fol. 95 u 96 tal-process.

"Illi l-Qorti, peress illi rat illi l-periti gudizzjarji sejsu ir-rapport taghhom fuq konsiderazzjoni teknici u legali soghdi, qeghda taqbel mal-konsiderazzjonijiet kollha u mal-konkluzjoni illli ghalihom waslu l-esperti gudizzjarji imsemmija, u ghaldaqstant qeghda taddotta ir-relazzjoni taghhom u taghmilha bhala taghha.

"Illi una volta gie stabbilit illi l-konvenut ittermina l-appalt ghaliex ried hu u mhux ghaliex kellu jaghmel hekk tort tal-attur, il-konvenut mhux biss ghandu id-dritt tal-azzjoni ghall-ispejjez kollha u x-xoghol tieghu, izda wkoll ghandu dritt ghall-somma ghall-qliegh li tilef minhabba l-imsemmija terminazzjoni tal-appalt.

"Illi l-Qorti rat ukoll f'dan ir-rigward sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili tal-14 ta' Dicembru 1962 fl-ismijiet Carmelo Cassar vs Alphonso Maria Pace.

"Ikkunsidrat :

“Illi l-konvenut ilmenta wkoll mill-fatt illi l-periti gudizzjarji ma addottawx l-ammont likwidat mill-Perit Debattista, izda ikkunsidraw ukoll l-ammont likwidat mill-Perit Michael’Angelo Refalo, il-Perit tal-konvenut.

“Illi hawn hekk il-Qorti ezaminat l-ispread sheet li hejjew il-periti gudizzjarji u rat illi harget li d-differenza tal-konteggi taz-zewg periti wara li tizdied is-somma ta’ elf erba’ mija sebgha u tletin lira Maltin u tletax il-centezmu (LM1,437.13), ekwivalenti ghal tlett elef tlett mija sebgha u erbghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€3,347.61), liema somma tirrapprezenta certi items li halla barra l-Perit Debattista kienet biss id-differenza minimali u insinifikanti ta’ tmintax il-lira Maltin u sitt centezmi (Lm18.06), ekwivalenti ghal tnejn u erbghin euro u sebgha centezmi (€42.07); liema ammont huwa minimu kunsidrat il-fatt illi l-ammont totali kien ta’ kwazi erbghatax il-elf lira Maltin (LM14,000), ekwivalenti ghal tnejn u tletin elf sitt mija u hdax il-ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€32,611.23).

“Ikkunsidrat :

“Illi l-konvenut jilmenta wkoll dwar il-quantum tad-danni u jallega li dan jammonta ghas-somma ta’ tlett elef seba’ mija tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (LM3,753.35), izda il-Qorti rat illi l-konvenut ma irnexxielux jipprova illi din is-somma hija verament dovuta lilu mill-attur in linea ta’ danni u il-Qorti rat illi l-periti gudizzjarji elenkaw l-ilmenti kollha illi ghamel il-konvenut, ezaminawhom wahda wahda u wara li ma qablux mal-ammonti pretizi mill-istess konvenut ikkonkludew illi l-konvenut huwa intitolat ghal tnaqqas ta’ elf lira Maltin (LM1,000), ekwivalenti ghal elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

“Ikkunsidrat :

“Illi una volta illi l-konvenut ittermina l-appalt minghajr gustifikazzjoni valida fil-ligi l-attur huwa intitolat ghall-somma li ma tkunx aktar mill-qliegh illi l-attur bhala

appaltatur setgha jaghmel minn dan l-appalt u l-Qorti hawn hekk taqbel mal-ammont illi gie likwidat mill-periti gudizzjarji fis-somma ta' elf u tmien mitt lira Maltin (LM1,800), ekwivalenti ghal erbat elef mija tnejn u disghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€4,192.87).

"Ikkunsidrat :

"Illi kif diga intqal, il-Qorti ma tistax tikkunsidra il-kopji tal-ircevuti illi gew annessi man-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut ghar-ragunijiet diga spjegati aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, u ghaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn il-kopji tal-ircevuti.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti tara illi l-attur ghandu wkoll ir-ragun illi jitlob illi l-konvenut jigi ikkundannat ukoll ihallsu l-imghax mid-data tan-notifika lilu tac-citazzjoni tal-attur u dana peress illi effettivament l-ammont likwidat mill-periti gudizzjarji huwa sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur.

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-periti gudizzjarji waslu ghall-konkluzjoni illi jemmnu bis-shih dak illi xehed l-attur dwar il-mod kif saru l-pagamenti u raw illi l-konvenut ma kienx gustifikat li iwaqqaf lill-attur mill-appalt semplicement ghaliex l-attur irrifjuta li jaghmel ftehim gdid wara li kien diga biddlu il-perit precedenti tal-konvenut.

"Illi ghalhekk, kif diga intqal, il-konvenut ma kellu l-ebda raguni valida u sufficjenti skont il-ligi sabiex jittermina l-appalt u il-konvenut huwa intitolat ghal telf ta' profitt fl-ammont illi waslu ghalih il-periti gudizzjarji."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha:
"(a) thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Ottubru 2009 fis-sens illi tistabbilixxi l-mument temporali fejn li fih verament sehh ix-xoljiment ad nutum tal-appalt kwindi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant tichad it-talba ghal

likwidazzjoni ta' ammont mitluba in linea ta' danni, (b) fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghas-suespost, tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi tirriduci l-ammonti kollha li jistghu jkunu dovuti lill-appellat b'mod li l-likwidazzjoni tkun verament tirrispekkja fl-ewwel lok it-talbiet attrici u wkoll il-kalkolazzjonijiet ta' x'effettivament diga` thallas mill-appellant u t-tnaqqis ghal danni realment sofferti, (c) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dak li ghandu x'jaqsam mal-likwidazzjoni tad-danni realment sofferti mill-appellant ghal xoghlijiet ta' riparazzjoni u tillikwida l-istess f'somma verjuri kif jirrizulta mill-provi mressqa u (d) tirrevoka u thassar is-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda l-impozizzjoni ta' imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellat."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha talab lil din il-Qorti joghgobha, salv ghall-korrezzjoni fil-likwidazzjoni tal-ammont dovut lilu, tikkonferma s-sentenza tal-ewwel istanza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellant.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghall-kawza huma spjegati fid-dettal fl-atti imsemmija u fid-decizjoni tal-ewwel Qorti u ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul.  Il-kawza ticcentra dwar appalt u dwar jekk fil-kaz in kwistjoni l-attur kellux dritt ghal hlasijiet imsemmija minnu ghaliex ma hemmx dubbju li min jikkoncedi appalt ghandu dritt jitterminah u huma r-riperkussjonijiet ta' din id-decizjoni illi jkunu differenti skont jekk min jehodha kellux dritt jitterminah minghajr ma jaghmel aktar hlasijiet lill-kuntrattur.

Infatti l-Artiklu **1640** tal-Kodici Civili illi jirregola l-materja, <u>fiz-zmien li</u> <u>giet intavolata l-kawza</u>, kien jghid hekk;

"Min jaghti x-xoghol, jista jholl meta jrid, il-kuntratt ta' appalt, ghakemm ix-xoghol ikun gia beda, billi jhallas lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu, flimkien ma somma li tigi meqjusa mill-Qorti skont ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appalttur seta jaghmel b'dak l-appalt."

Dan l-artiklu gie emendat sostanzjalment fl-1995 izda naturalment il-Qorti trid tapplika l-ligi kif kienet dak in nhar li inqalghet il-kwistjoni bejn il-kontendenti.

L-aggravji tal-konvenut huma **tlieta**; **l-ewwelnett** illi l-Qorti waslet ghal evalwazzjoni hazina tal-fatti u cioe` rigward il-gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni tal-appalt; **it-tieni** li l-Qorti kienet zbaljata fil-likwidazzjoni tal-quantum tal-kumpens dovut; **it-tielet** li l-Qorti qatt ma kellha tikkundanna ghal hlas tal-imghax billi l-attur talab somma *da liquidarsi*.

Fuq **l-ewwel** aggravju l-Qorti jidrilha qabel xejn illi kif kienet id-disposizzjoni fuq imsemmija u cioe` l-Artiklu 1640 fiz-zmien in kwistjoni, il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm raguni valida biex il-kuntratt jigi imhassar minn 'min jaghti x-xoghol' kienet rilevanti biss fir-rigward tal-hlas li jkun dovut lill-kuntrattur. Dan ghaliex kif qalet l-allura Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Pio Gauci v. Joseph Cutajar** (deciza fit-23 ta' Mejju 1989);

"Meta l-appaltant iholl il-kuntratt minghajr raguni valida ghandu jhallas lill-appaltatur l-ispejjez u x-xoghol tieghu kif ukolll somma li tigi meqjusa mill-Qorti skont ic-cirkostanzi izda mhux aktar mill-qligh li seta jaghmel l-appaltatur minn dak l-appalt.

"Meta l-appaltant iholl il-kuntratt ghal raguni valida gustifikata mill-htija tal-appaltatur, l-appaltant ihallas biss il-valur nett ta' materjali u xoghol li huwa utili ghalih."

Din il-Qorti thoss li tkun qed tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti minghajr ebda gustifikazzjoni jekk tirrevoka din il-parti tas-sentenza. Il-Qorti gustament u saggament f'dan il-kaz, strahet fuq l-apprezzament tal-

periti gudizzjarji f'dan ir-rigward u dan ghax kienu huma li semghu il-provi.

Wiehed jista' jiccita diversi sentenzi f'dan is-sens; per ezempju dik citata mill-konveut fir-risposta tieghu fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Tabone** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Otttubru 2002 fejn intqal illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali tal-ewwel Qorti biss *ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara.*

Il-periti gudizzjarji fil-fatt ikkonkludew illi kellhom jaccettaw *bhala aktar verosimili d-dikarazzjoni tal-attur li kien il-konvenut li ried jaghmel ftehim gdid u mhux l-attur u kien dan il-fatt li wassal ghat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-appalt. Din ir-raguni li minhabba fiha gie terminat l-appalt ma kinitx raguni valida u sufficjenti skont il-ligi. Konsegwentement il-konvenut ghandu jirrispondi ghat-telf ta' qliegh soffert mill-attur minhabba li l-appalt tieghu gie terminat.*

Din il-Qorti fliet ir-ragunijiet moghtija mill-periti gudizzjarji ghall-konkluzzjonijiet taghhom u ezaminat il-provi li fuqhom serrhu l-istess ragunijiet u ma ghandha ebda raguni tiddipartixxi minnhom u anzi tikkondividihom.

Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

Fir-rigward **tat-tieni aggravju** l-partijiet jidher li jaqblu illi l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti huwa eccessiv u dan huwa evidenti. Fil-fatt fir-risposta tal-appellat ghar-rikors tal-appell huwa jiddikjara li huwa mill-bidu qies li l-bilanc dovut lilu ghall-appalt kien ta' €12,767,30. Huwa anke xehed f'dan is-sens, a fol. 125 tal-process. Il-Qorti taqbel ma' dan u huwa probabbli illi f'dan ir-rigward il-Qorti giet sgwidata mir-rapport peritali meta waslet ghal din il-konkluzjoni. Madankollu fir-rigward tat-telf ta' qliegh ma hemmx dubbju illi l-ammont likwidat ta' €4192.87 kien wiehed korrett u sorrett mill-perizja teknika; minn dan il-Qorti naqqset is-somma ta' €2329,37 dovuti mill-konvenut bhala danni ghal xoghlijiet ta' tiswija jew irrangar li kellu

jaghmel wara li thassar l-appalt. Il-konvenut appellant qed jitlob ukoll li dan l-ammont jigi awmentat ghas-somma ta' €8742 u cioe` l-ammont likwidat u stmat mill-perit tal-fiducja tieghu Wilfrid Debattista. L-imsemmi perit ikkwantifika dan l-ammont billi inkluda s-somma ta' sitt mitt lira maltin ghal dak li huwa sejjah '*hidden defects'*. Madankollu il-periti gudizjarji (a fol. 110) iddikjaraw illi fil-mori tal-kawza – u hawn wiehed jikkumenta li dawn il-proceduri twalu mhux hazin – ma tfaccaw ebda hsarat li kienu mohbija. Ghalhekk fil-verita` l-ammont likwidat mill-perit Debattista kien ta' Lm1200 u allura ma hemmx wisq differenza mill-elf lira (€2329.39) li illikwidaw il-periti gudizzjarji. Kwindi l-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tvarja dan l-ammont u wara li ghamlet il-komputazzjonjiet necessarju waslet ghas-somma ta' **€14,640.78** – u cioe` €12,767.30 mizjuda b'€4192,87 u minnhom tnaqqas €2329.39.

**It-tielet aggravju** jirrigwardja l-fatt li l-ewwel Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet b'effett mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, nonostante l-fatt li l-attur ma talabx somma gia` likwidata fit-talbiet tieghu izda '*somma da liquidarsi'.* Ma hemmx dubbju illi normalment il-Qrati taghna jimxu mal-principju '*in illiquidis non fit mora'*. Madankollu kif gie espress per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Citadel Insurance v. Johan Ciantar** (**Prim' Awla – 20 ta' Gunju 2002**) li *meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak in-nhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzzjarju (jekk dan ikun sar) u mhix minn dak in-nhar li eventwalment tinghatha s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont.*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Turner v. Francis Agius (28 ta' Novembru 2003)** inghad illi;

"Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero li

l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddeposita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita'."

F'dak il-kaz (**Turner v. Agius**) ghalhekk il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghall konvenut.

Fil-kawza odjerna jirrizulta mill-att li l-konvenut kellu ideja *piu o meno* tal-ammonti illi kien qed jirreklama l-attur u dan anke fl-istadju tal-mandat ta' inibizzjoni li gie mitlub il-hrug tieghu fejn l-ammont reklamat mill-attur appellat kien ta' ftit aktar minn Lm7 480. Il-konvenut appellant naqas, anke wara li giet deciza il-kawza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, illi jaghmel depositu gudizzjarji almenu f'dak l-istadju. Fir-rikors tal-appell huwa ilmenta li mhux gust li jigi ippremjat l-attur appellat ghad-dewmien fil-kawza (li skont hu ma kienx imputabbli lill-partijiet) billi dan jithallas l-imghaxijiet fuq medda ta' ghoxrin sena. Il-Qorti pero` tfakkru illi bit-trapass ta' dan il-perjodu twil huwa se jkun gawda mill-beneficcju (f'dan il-kaz) tal-inflazzjoni!

Minhabba dak li gia` inghad aktar qabel dwar is-somma li ghandu jithallas l-attur, il-Qorti se takkolla parti mill-ispejjez lill-istess attur peress li din il-Qorti se jkollha taghmel tajjeb ghal zball matematiku tal-ewwel Qorti – u zball tal-Qorti huwa ikkonsidrat bhala zball tal-partjiet.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tiddeciedi l-appell tal-konvenut billi tilqghu biss fejn jirrigwardja l-ammont li ghandu jhallas lill-attur appellat u dan billi tordna li l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €14,640.78c, bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u cioe` mis-7 ta' Mejju 1992; mill-bqija l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; hlief ghall-ispejjez tal-kawza li jithallsu sest ($^{1}/_{6}$) mill-attur u hames sesti ($^{5}/_{6}$) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------